Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,693, 28 ta' Lulju, 2026

Taqsima B

A.L. 205 tal-2026

ATT DWAR L-AGRIKOLTURA
(KAP. 639)

Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kategorizzazzjoni tal-Bdiewa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 7 tal-Att dwar l-Agrikoltura, il-Ministru responsabbli għall-agrikoltura u l-affarijiet rurali għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kategorizzazzjoni tal-Bdiewa u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Kategorizzazzjoni tal-Bdiewa, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali". L.S. 639.10.

Jemenda r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti dwar il-Kategorizzazzjoni tal-Azjendi Agrikoli.";

(b) fis-subregolament (2) tiegħu l-kliem "u jikkategorizzaw lill-bdiewa" għandhom jiġu sostitwiti bil-kelma "jikkategorizzahom".

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fil-verżjoni bil-Malti biss, fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali t-tifsira "dħul annwali" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "introjtu annwali" tfisser il-valur miżjud annwali għal kull taqsima ta' ħidma annwali ta' azjenda kummerċjali;".

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

4. Fil-verżjoni bl-Ingliż biss, fis-subregolament (3) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali l-kliem "annual income derived" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "derived annual income".

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

5. Ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-

subregolament ġdid li ġej:

"(1) Sal-aħħar ta' Marzu ta' kull sena d-Direttur għandu jikkategorizza kull azjenda kummerċjali f'waħda (1) mill-erba' (4) kategoriji ta' introjtu annwali derivat mir-razzett skont id-data tal-produzzjoni standard ta' tali azjenda kummerċjali kif disponibbli għall-Ministeru. Fil-kategorizzazzjoni ta' azjenda, id-Direttur għandu meta d-data tkun disponibbli għad-Direttorat mill-awtoritajiet fiskali u l-awtoritajiet kompetenti rilevanti, iqis il-bejgħ jew il-fatturat marbut mal-produzzjoni primarja tal-azjenda kummerċjali:

Iżda d-Direttur għandu jiżgura li tali fatturat ikun proporzjonat mad-daqs tal-azjenda kummerċjali, u li l-firxa tal-art agrikola, l-infrastruttura u, jew il-bhejjem tal-azjenda kummerċjali jkunu raġonevolment kapaċi jiġġeneraw il-produzzjoni iddikjarata.";

(b) is-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(3) Id-Direttur għandu jikkategorizza l-azjenda kummerċjali skont is-subregolament (1) billi jattribwixxi l-kategorizzazzjoni abbażi tas-sena preċedenti u billi jattribwixxi l-kategorizzazzjoni tal-medja tat-tliet (3) snin preċedenti għas-sena ta' kategorizzazzjoni. Il-kategorizzazzjoni assenjata lill-azjenda għandha ssir disponibbli permezz ta' sistema online amministrata mid-Direttorat u għandha tkun aċċessibbli permezz ta' aċċess riżervat għall-kap tal-azjenda rreġistrat, kif irreġistrat fir-reġistru uffiċjali miżmum mid-Direttorat.";

(ċ) is-subregolament (4) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(4) Bidwi jista' jitlob rikategorizzazzjoni permezz tas-sottomissjoni ta' rikjesta lill-Bord, billi jagħmel dikjarazzjoni li debitament tipprova l-produttività tal-azjenda agrikola għas-sena li għaliha ġiet ikkategorizzata l-azjenda, u billi jissottometti dokumentazzjoni addizzjonali sabiex tipprova d-dħul ġenerat mill-azjenda agrikola:

Iżda ma għandhiex tiġi kkunsidrata talba għal rikategorizzazzjoni jekk il-bidwi li jagħmel it-talba ma jipprovdix lill-Bord bl-informazzjoni mitluba mill-istess Bord:

Iżda wkoll il-Bord jista' jagħmel użu mill-parametri referenzjarji msemmija fir-regolament 3:

Iżda wkoll il-Bord jista' jikseb kwalunkwe informazzjoni dwar l-azjendi agrikoli affettwati b'dan ir-regolament li tkun fil-pussess tal-Ministeru, u l-persuni konċernati għandhom l-obbligu li jipprovdu tali informazzjoni lill-Bord għall-finijiet ta' dan ir-regolament.".

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

6. Ir-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-paragrafu (a) tiegħu l-kliem "is-servizz pubbliku u li jservi fi ħdan il-Ministeru;" għandu jiġi sostitwit bil-kliem "is-servizz pubbliku u li jservi fi ħdan il-Ministeru, jew fi grad ekwivalenti fis-settur pubbliku ma' korp attiv f'setturi li għalihom huwa responsabbli l-Ministeru;";

(ii) fil-paragrafu (ċ) tiegħu l-kliem "uffiċjal tal-ekonomija" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "uffiċjal bi speċjalizzazzjoni fl-ekonomija";

(b) fil-proviso għas-subregolament (4) tiegħu l-kliem "Iżda d-deċiżjoni tad-Direttur" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Iżda wkoll id-deċiżjoni tad-Direttur" u minnufih qabel għandu jiġi miżjud il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda minħabba n-natura tal-każ jew il-kumplessità tiegħu, jew f'każijiet eċċezzjonali, il-Bord jista' jestendi t-terminu ta' disgħin (90) jum b'massimu ta' disgħin (90) jum ulterjuri:".